MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 644/2013

**Valletta Freight Services Limited (C – 3478)**

**vs**

**Tarros International S.p.a. illum maghrufa Tarros S.p.a.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors tas-socjeta' Tarros S.p.a. kif rapprezentata datat it-2 ta' Lulju, 2003, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi fl-24 ta' Gunju 2013 is-socjeta' *Valletta Freight Services Limited* talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti Tarros S.p.a. ghall-mitejn u dsatax – il elf sitt mijja u erbgha Euro u sitt centezmi, (€219,604.06), bhala "pretensjoni dedotta f'citazzjoni 629/2012";

1.2 Illi dan il-hrug ta' mandat jirrasenta minn abbuz serju u vessatorju mis-socjeta' *Valletta Freight Services Limited*;

1.3 Illi *a tenur* tal-artiklu 836 (1) tal-Kap 12, gie pprezentat ir-rikors odjern biex jigi revokat l-istess mandat fuq riferit, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1) aktar qabel), stante li l-ammont mitlub mhux *prima facie* gustifikat, mhux ragonevoli, u mhux gustifikabbli li jibqa jinzamm fis-sehh*, (*artikli 836 (1) (c) (d) tal-Kap 12);

1.4 Illi in sostenn tat-talba indikata fil-paragrafu precedenti s-socjeta' rikorrenti ssostni s-segwenti;

1.4.1. Illi s-socjeta' rikorrenti kienet kanonizzata kreditrici fil-konfront tas-socjeta' intimata *Valletta Freight Limited*;

1.4.2. Illi sussegwentement gew intavolati proceduri bis-subbasta biex jinbieghu proprjetajiet immobbli tas-socjeta' intimata debitrici;

1.4.3. Illi rizultat tal-istess procedura ta' subbasta il-fond appartenenti lis-socjeta` debitrici kien liberat favur is-socjeta' hawn rikorrenti ghall-prezz ta' mitejn u sebghat elef Euro, (€207,000.00), permezz t'offerta *animo compensandi;*

1.4.4. Illi b'digriet datat iz-19 ta' Settembru, 2012, il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` hawn rikorrenti Tarros S.p.a. ghall-approvazzjoni ta' tpacija sal-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.4.5. Illi sussegwentement l-istess fond kien gie insinwat f'isem is-socjeta` rikorrenti fir-Registru Pubbliku fiz-19 ta' Novembru, 2012;

1.4.6. Illi fil-15 ta' Marzu, 2013, is-socjeta` intimata ipprevaliet ruhha mill-fakulta lilha moghtija *ai termini* tal-artiklu 355 tal – Kap 12 u rkuprat if-fond in dizamina wara depozitu ta' mitejn u dsatax - il elf sitt mijja u erbgha Euro u sitt centezmi, (€219,604.06) biex jigu liberament

zbankati mis-socjeta’ Tarros S.p.a. jew minn min ghandu dritt;

1.4.7. Illi s-socjeta’ rikorrenti pprezentat rikors ghall-zbank tal-ammont depozitat u nonostante li debitament notifikata, is-socjeta’ hawn intimata *Valletta Freight Services Limited* ma resqet l-ebda risposta ghall-imsemmi zbank;

1.4.8. Illi l-izbank in dizamina gie ghalhekk ordnat skont il-ligi;

1.4.9. Illi nonostante tali ordni, l-izbank *de quo* gie frustrat billi inhareg il-mandat ta’ sekwestru odjern meritu tal-procedura odjerna;

1.4.10. Illi fic-cirkostanzi kif fuq elenkati, il hrug tal-mandat ta’ sekwestru hu ghal kollox abbuziv u vessatorju stante li inhareg nonostante li gia’ kien hemm digriet appozitu li kien jawtorizza l-izbank tal-ammont fuq gia’ indikat, (ara paragrafu wiehed punt erbgha punt sitta, (1.4.6), aktar qabel);

1.4.11. Illi s-socjeta` intimata *Valletta Freight Services Limited* mhux biss ma resqet l-ebda risposta jew oggezzjoni ghall-izbank *de quo*;

1.4.12. Illi ghalkemm l-istess *Valletta Freight Services Limited* tallega li l–proceduri tas-subbasta huma nulli, fl-istess hin hi stess utilizzat l-istess procedura biex tirkupra l-immobbli mibjugha fl-istess procedura u anki ddepozitat l-ammont involut flimkien ma l-ispejjez relattivi;

1.4.13. Illi l-ammont tal-mandat ta’ sekwestru qatt ma tista’ tikkawtela il-mertu deott fil-kawza pendenti bejn il-kontendenti;

1.4.14. Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti Tarros S.p.a. titlob lii-din il-Qorti biex;

1.4.14.i. Tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru bin numru 917/2013 datat l24 ta’ Gunju, 2013 fl-ismijiet *Valletta Freight Services Limited* vs *Tarros International S.p.a.* illum maghrufa Tarros S.p.a. stante li l-ammont mitlub mhux *prima facie* gustifikat u m’hux ragonevoli jew gustifikabbli;

1.4.14.ii. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata *Valletta Freight Services Limited;*

1.5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

1.6. Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti datat id-29 ta’ Novembru, 2013;

1.7. Rat id-digriet taghha, datat it-2 ta’ Dicembru, 2013;

1.8. Rat ir-rikors sussegwenti datat l-4 ta’ Dicembru, 2013, li permezz tieghu is-socjeta` intimata tablet li tkun awtorizzata tipprezenta l-annessa nota ta’ sottomissjonijiet;

1.9. Rat in nota ta’ sottomissjonijiet involuta;

1.10. Ezaminat in-nota hekk esebita tas-socjeta` intimata;

**Ikkunsidrat**

1.11. Illi wara li semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-kontendenti jirrizulta sintetikament is-segwenti;

1.11.1. Illi din hi procedura intiza li twaqqaf l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 917/2013 stante li l-ammont mitlub la hu *prima facie* gustifikat, ragonevoli jew gustifikabbli *a tenur* tal-artiklu 836 (1) (c) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.11.2. Illi in effetti l-kawza tal-procedura odjerna tirrizali ghall-proceduri precedenti bejn il-kontendenti li kienu wasslu fil-fazi finali taghhom fejn wara subbasta appozita kien gie ordnat l-izbank tas-somma konsistenti indikata fil-paragrafu wiehed punt erbgha punt sitta, (1.4.6), aktar qabel favur is-socjeta’ rikorrenti Tarros S.p.a.;

1.11.3. Illi ghalhekk jirrizulta palizi li l–procedura odjerna hi biss wahda minn kullana li permezz taghha s-socjeta` intimata *Valletta Freight Services Limited* intavolat biex tiffrustra l-konkluzjoni naturali tal-proceduri li fihom il-kontendenti huma involuti;

1.11.4. Illi jirrizulta assodat li filwaqt li s-socjeta` intimata fuq indikata issostni li l-procedura tas-subbasta hi nulla, fl-istess hin ippartecipat attivament fiha u anke iddepozitat is-somma kospikwa fiha, mertu ukoll ta’ dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat**

1.12. Illi ghalhekk din il-procedura hi biss intiza biex tistultifika l-isforzi genwini tas-socjeta` rikorrenti biex tithallas *in parte* tal-ammont dovut mis-socjeta` intimata;

1.13. Illi atti jimblukkaw illegittimament il-proceduri legali appozitament intizi biex jghinu lill partijiet jottjenu l-gustizzja lilhom spettanti mhux accettabbli f’sistema li thaddan is-sovranita` tad-dritt;

**DECIDE**

1.14. Illi in vista tal-premess, din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ rikorrenti Tarros Sp.a. ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement;

1.14.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti fuq indikata;

1.14.2. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 917/2013 datat l-24 ta' Gunju, 2013, fl-ismijiet *Valletta Freight Services Limited* vs Tarros International S.,p.a. illum maghrufa Tarros S.p.a;

1.14.3. Tiddikjara li l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru indikat fil-paragrafu precedenti mhux *prima facie* gustifikat, ragonevoli jew gustifikabbli;

1.14.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata Valletta Freight Services Limited.

_____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------